QALA

Laqgha tal-Kunsill tal Qala numru 47 li saret nhar l-7 ta' Dicembru 2011 fil-5:00 p.m.

Prezenti: Paul Buttigieg (Sindku)
Raymond Xerri (Vici-Sindku)
Paul Buttigieg (Kunsillier)
Victor Grech (Kunsilier)
Jesmond Borg (Kunsilier)

1. Talba

2. Approvazzjoni tal-minuti

3. Il-Fortizza ta' Sant Antnin

Saret laqgha ma' Din L-Art Helwa biex jigi finalizzat il-progett u l-finanzjament tieghu. Il-MEPA qed izzomm €5,000 li qed tghid huma management fee ta' 10% ghas-servizz li taw. Il-fondi li nghataw haduhom Din L-Art Helwa biex ihalsu ghax-xogholijiet tar-restawr. Il-Kunsill hareg is-sehem tieghu. Skond l-estimi tal-perit baqa bilanc ta'xi €7,500 li jrid johrog il-Kunsill u l-istess ammont li jrid jithallas minn Din l-Art Helwa.
L-affarijiet li baqa huma t-tikhil u l-ammont ta' €5,000 li zammet il-MEPA minghajr ma' nfurmat lil partijiet dan l-ammont kellu jinqata mill-fondi allokati ghal dan il-progett.

4. Is-Sala tal-Komunita

Ix-xoghol fuq is-Sala kwazi lest; kull ma jonqos id-dwal u li titranga ftit il-faccata. L-entratura ha tkun b'disinn graffjato, u disinn fuq kull naha bil-gebel. Ser jitqieghed bust ta' l-istainless steel tirraprezenta lil Ghawdex. L-ispiza totali giet €35,000 li kien kollu finanzjat mis-segretarjat tal-Kunsill Lokali.

Is-Sala minn gewwa ser ikun hemm gebla wieqfa 7 piedi bil-vit tal-ilma u fuq wara l-arma tal-Kunsill 3D. Ircevejna tlett stimi biex isiru r-ritratti:
Deco manufacturing – printing qiesu wall paper (mhux tajjeb ghal post)
Gozo Creations – printing fuq il-kanvas – 3 ritratti jigu €849.60 u 4 ritratti €1100
SMC – printing fuq il-kanvas – 3 ritratti €1303.

Il-Kunsill iddecieda unanimament lu x-xoghol isir mil-Gozo Creations.

L-inawgurazzjoni ghandha ssir fis-16 ta' Dicembru mis-Segretarju Permanenti ghal Kunsilli Lokali, Dr Chris Said fis-7:30 pm. Din ser tissejjah Sala Tal-Komunita. L-inawgurazzjoni ser tkun parti mill-attivitajiet tal-Milied.

5. Il-Muzew tal-Folklore

Dan il-Progett kien finanzjat mill-Eco Gozo. Dan tlesta fit-31 ta' Novembru 2011 ghal prezz totali ta' €67,000. Ix-xoghlijiet inkludew it-twieqi, bibien, ix-xoghol tar-restawr, il-faccata, il-kontrabejt, l-insulation qabel ma' inghata c-cement, gallarija gdida, u s-sistema solari.
Ix-xoghol tal-fittings tad-dwal kwazi spicca. Kollox intbaghat lil-Eco Gozo biex jinhargu l-fondi.
Oggetti antiki jistghu jinxtraw b'direct order, sakemm il-kunsill jinghata ircevuta.

Mill-fondi 313 ser jinxtraw cabinets bid-dwal gewwa li jintuzaw fil-muzewijiet. Fuq ser issir cinema zghir bil-progekter fejn jintwera feature fuq Ghawdex u l-Qala li ser isir minn Elvin Scicluna b'erba lingwi.
Gie propost li l-muzew jigi mikri lil Mehir Qala Folk group biex dawn jiehdu hsieb il-ftuh tieghu u l-amministrazzjoni tieghu. Jistghu ukoll ibieghu prodotti tradizzjonali. Il-Kunsill izomm id-dritt li juza l-post meta jkollu bzonn.

Ser isiru brochures f'erba lingwi biex il-muzew jigi rriklamat mat-turisti.

6. Attivitajiet tal-Milied

L-attivitajiet tal-Milied ha jkunu kif gej:
16 ta' Dicembru – Ftuh tas-Sala u Gieh il-Qala
18 ta' Dicembru – Attivita familji fis-Sala Parrokjali.
20 ta' Dicembru – Laqgha ghal Anzjani fis-Sala tal-Komunita
23 ta' Dicembru – Harga ghaz-Zghazagh
27 ta' Dicembru – Harga ghal Anzjani
28 ta' Dicembru – Laqgha mar-raprezentanti tal-ghaqdiet, b'reception zghir wara
7 u 8 ta' Jannar – Football tournament ghal youth nursery

Gie deciz li Gieh il-Qala jinghata lil kumitat tal-fund raising li jghinu l-ghaqdiet kollha volontarji.

7. Affarijiet ohra

- Il Banif Bank irrifjutaw li jaghmlu ATM fil-Qala. Saret laqgha ma' raprezentant mil Bank biex jigi offrut servizz darba fil-gimgha mil-ufficju tal-Kunsill biex jissarfu c-cekkijiet. Dan isir biss jekk ma jkun hemm l-ebda spejjez ghal-Kunsill. Il-Kunsill lest li joffri biss l-ispazju biss min fejn il-bank jista joffri s-servizz tieghu bla kumpens ghal-Kunsill.
- Ser issir quddiesa puntifikali tal-Kuncizzjoni fit-8 ta' Dicembru fid-9:30 am.
- Rigal tal-milied ghal Josef Said, voucher li ser jinghatalu fil-11:00 am nhar il-Milied.
- Gozo philatelic – ktieb li fih ser ikun hemm pagna fuq kull lokalita. Dan jista jitqieghed fil-librerija
- Dwal tal-Milied ghat toroq – Il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda biss minn Joe Cutajar ghal prezz ta; €1065.
- L-ikla tal-istaff tal-Kunsill ser isir fid-29 ta; Dicembru ta' Cenc fis-7:30 pm

- Subsistance allowance ghas-safra ta' Brussels – dan l-allowance ser jigi kkonfermat mad-dipartiment tal-Gvern Lokali.

8. Korrispondenza

Il-kunsill ircieva:

a. MEPA – Qala Creek – l-appell fuq il-pjanti l-godda
b. Stima tax-xogholijiet tas-sala
c. Applikazzjoni lil Eco Gozo ghal fondi
d. Konkors Qalb tad-deheb – ghan nominazzjonijiet
e. Ittra ta' claim ghal hsara ghax laqat il-bumper tal-karozza ma' bankina
f. Fanali li jridu jitrangaw fil-pjazza
g. Cekk ghal folk festival tal-2010 ta' €7,500
h. Cekk tal-fondi ghal konferenza li saret fl-2010
i. Cekk tal-fondi tal-UIF ghal pannelli tal-gnien €34,000
j. PQ's varji
k. Memo mid-dipartiment li l-Kunsill m'ghandux ghal fejn jiftah is-sibt 23 u 31 ta' Dicembru
l. Progett 323 – s-issa il-kunsill inghata €15,600 ghal hitan tas-sejjiegh
m. Ombudsman report
n. Meeting il-MEPA am' tal-Barrieri – il-kundizzjonijiet li kien hemm fuq it-trukkijiet mhux qed jigu segwiti u l-ambjent tal-barrieri li hargu mil parametric taghhom. Dawn ghandhom jigu moniterjati – ghandhom jintalbu fondi biex isiru CCTV's ghal dan il-ghan.
o. Ittra mil-Parkwell biex jiltaqa mal-Kunsill
p. Ittra tipproponi lil Michael Abela ghal Gieh il-Qala

Il-laqgha spiccat fis-seba u nofs ta' filghaxija.